**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLETIN**

**24 ta' Settembru, 2014**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, il-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, Dr Claudio Zammit, s-Sur Dino Bonnici, s-Sur Vincent Marmara, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Raymond Grixti, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier is-Sinjur Joseph D'Amato informa lill-Kunsill li ma jistax jattendi minħabba l-inpenji li għandu fuq l-attivita' li ser itella l-Kunsill nhar il-Ġimgħa.
**Dok 1.**

Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita' ma attendiex.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**30.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

30.1.1 Il-minuti ta' seduta 29 ġew approvati.

***30.2*** ***Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Bubaqra***

30.2.1 Il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 4 ġew approvati.

| | |
|---|---|
| **30.3** | ***Approvazzjoni tal-Minuti Gal Xlokk*** |

30.3.1 Is-Sindku qal li fit-12 ta' Ottubru, ser issir esebizzjoni fil-Mitħna tax-Xarolla, li għaliha qed isiru anke avviżi fit-toroq, iffinanzjata kollha mill-Gal Xlokk. Din l-attivita' ser issir fil-Mitħna tax-Xarolla.

Hu talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob formalment lill-Kunsill Ħal Safi biex jitlob lill-ħanut tan-nagħal taż-żwiemel biex għal dak il-jum ikun miftuħ għall-pubbliku u biex Triq Zurrieq, f'Ħal Safi tkun magħluqa għat-traffiku.

30.3.2 Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk numru 48 u 49.
Dan il-ħin daħal il-Knsillier Raymond Grixti (18:45)

***30.4*** ***Kommunikazzjoni mis-Sindku***

30.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba li għamlet is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina fir-rigward ta' fanal li kien mal-faċċata tal-każin qabel ma l-faċċata tiegħu ġiet restawrata. Il-President u s-Segretarju tas-Soċjeta' kienu preżenti waqt is-Seduta u minħabba li l-Kunsill kien infurmat b'dan, ġew mistiedna biex jitkellmu.

Huma wrew dokumenti li juri li tali fanal qabel is-sena 2005/6 kien imwaħħal ma' faċċata ta' dar prinċipali fil-Misraħ u kien il-Kunsill stess li waħħal il-fanal imsemmi mal-faċċata tal-Każin tas-Soċjeta' fis- sena 2006. Il-membri preżenti talbu lill-Kunsill li tali fanal jerġa jitwaħħal fejn kien fis-snien ta' qabel 2005 minħabba il-valur tal-faċċata tal-Każin. **Dok 2 mehmuż.**

Wara li l-membri tas-soċjeta' iddiskutew il-każ, is-Sindku rrimarka dwar talba oħra li għamlet l-istess Soċjeta', fejn talbet il-permess tal-Kunsill li twaħħal lapida fi Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa li tikkommemora l-150 sena mit-twaqqif tas-Soċjeta'. Is-Sindku qal li ladarba rappreżentanti mill-Kumitat tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina ġew għal laqgħa tal-Kunsill u qed iressqu t-talbiet tagħhom, tajjeb li wieħed ifakkar li disa' snin ilu hu u żewġ kunsilliera oħra ġew bojkottjati mill-istess soċjeta', u insista li dan il-bojkot għandu jitneħħa qabel is-soċjeta' tkompli tressaq it-talba tagħha dwar din il-lapida, għax dan il bojkot ma jagħmilx ġieh lanqas lis-so1jeta' mużikali Santa Katarina stess. Il-Predient tal-istess soċjeta' wieġeb li ħa jiddiskutu l-każ waqt laqgħa tas-soċjeta' u jagħtu risposta lura lill-Kunsill.

Wara din id-diskussjoni l-membri tas-soċjeta' ħarġu mill-kamra.

30.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet żewġ emails mibgħutin mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina.

- Ilment li l-bandiera u l-festun fuq il-bini tal-Kunsill ma

ttellgħux matul il-jiem kollha tal-festa ta Santa Katarina.

Is-Sindku qal li l-festun ma telax fil-jiem kollha tal-festa minħabba ir-riħ qawwi li kien hemm f'dawk il-jiem.

- Approvazzjoni li titwaħħal lapida fi Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa li tikkommemora l-għeluq il-150 sena mit-twaqqif tas-Soċjeta'.

Dan l-item ġie diskuss mis-Sindku fil-punt 30.4.1, u l-Kunsill qabel li jistenna

Il-Kunsill qabel ukoll li tintlaqa' t-talba għaċ-ċaqliq tal-fanal ornamentali minn mal-faċċata tal-każin tas-soċjeta' għal mal-ġemb tad-dar kbira b'aperturi ħodor, f'Misraħ ir-Repubblika.

30.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-Kunsill qed jidħlu ħafna ilmenti fuq toroq mhux urbani biex jitnaddfu minħabba li ilhom snin ma jsiru. Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia qal li l-Kunsill kien ġabar stima mingħand il-kuntrattur li kien jagħti l-istess servizz lill-Kunsill li tammonta għall- €4,000 inc. Vat biex isiru t-toroq kollha mhux urbani. Hu qal li minħabba l-proċeduri ta' kwotazzjonijiet dan is-servizz ma tistax tagħmlu kumpanija waħda biss.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kkuntatjat kuntratturi oħra għall-kwotazzjonijiet u sabet 4 persuni li lesti jaħdmu t-toroq kollha mhux urbani taż-Żurrieq bejniethom għall- ammont ta' €1,000 kull wieħed Vat inkluża.

Il-Kunsillier Claudio Zammit issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob il-parir tal-Avukat tal-Kunsill u jara jekk il-Kunsill jistax imexxi s-servizz bil-kuntrattur Bezzina minħabba li issa l-appell quddiem il-Bord tal-Appelli ġie deċiż u fin-nuqqas li jsir hekk, jitlob parir dwar jekk jistax isir dak li qed jissuġġerixxi l-Kunsillier Kevin Sam Farrugia.

Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil li jekk l-Avukat tal-Kunsill jgħati parir li l-Kunsill jista jmexxi bil-Kumpanija Bezzina, il-Kunsill jagħti l-ordni biex ix-xogħol jibda u jekk jagħtina parir li x-xogħol jsir b'directo order, il-Kunsill joħroġ għal ordnijiet ta' mhux aktar minn €1,000.

F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Vincent Marmara (19:00)

30.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa mad-Direttur tal-Ministeru għall-familja u Solidarjeta' Soċjali fejn tkellmu fuq il-bżonn ta' *crash barrier* jew *bollards* fejn s-sit tal-uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali. Huma qalu li minn meta ilu mibni s-sit, diġa saru żewġ inċidenti tat-traffiku fejn il-karozza tal-linja telgħet fuq il-bankina.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob id-direzzjoni ta' Transport Malta

dwar x'mezz ta' sigurta' jkun l-aħjar li jsir, u jagħmel ix-xogħol kif indikat minn Transport Malta. Il-Kunsill għandu jitlob ukoll li titnaqqas parti mis-*central strip* bil-ħamrija li hemm fl-istess akwata biex jonqos l-inkonvenjent għall-vetturi tal-linja fi triqthom mill-venda għall-Triq Dun Ġużepp Zammit u hekk kif tinġieb l-approvazzjoni, ikunu jistgħu jsiru x-xogħlijiet.

30.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq ilment li kellu l-kunsill minn resident fi Vjal ix-Xarolla li talab 'u' bar quddiem ir-residenza tiegħu minħabba l-periklu tat-traffiku li hemm fl-akwata. Dan ir-resident qal li ilu żmien jitlob lill-Kunsill u minflok għamel 'u' bar fejn talab hu, l-Kunsill għamel 'u' bar fl-istess triq imma aktar 'l fuq.

Fuq din ir-raġuni qed jerġa jitlob lill-Kunsill jikkunsidra t-talba tiegħu.

Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa fid-9.30am għandu laqgħa ma' Transport Malta fuq l-każijiet pendenti fosthom il-każ ta' Vjal ix-Xarolla u stieden lill-kunsilliera jattendu miegħu.

30.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill:

- li familja fi Trejqet il-Barrieri qed titlob 'u' bar quddiem ir-residenza tagħha minħabba li xi trakkijiet li qed jaħdmu fl-istess triq, qed jitilgħu fuq il-bankina.

Ma kienx hemm qbil fuq dan.

- Resident talab 'u' bar fi Vjal ix-Xarolla k/m Ħal Safi viċin hairdresser minħabba l-periklu li hemm meta toħroġ minn tali ħanut.

Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba li l-parti tagħmel mal-konfini ta' Ħal Safi.

30.4.7 Is-Sindku talab biex Sqaq l-Iben il-Ħali f'Misraħ Repubblika jerġa jingħalaq minħabba li ċertu vetturi qed ikunu ta' sikwiet ipparkjati fl-isqaq u l-kontravenzjonijiet li qed isiru mhux qed jingħataw ċitazzjonijiet.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jitlob laqgħa mas-Supretendent taż-Żurrieq u mal-Ispettur u jiġi diskuss dan il-każ, qabel ma jingħalaq l-isqaq imsemmi.

Il-Kunsillier Dino Bonnici daħal fis-seduta (ħin 19:15)

30.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sindku u l-Viċi Sindku kellhom laqgħa ma' rappreżentanti mill-Primary Health Care fuq l-arja kkundizzjonata fil-berġa. Kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ sejħa

għall-kwotazzjonijiet għall-ħames Acs u l-Primary Health Care jirrifondi l-ispejjeż kollha.

30.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet suġġeriment li tressaq mis-Sinjura Helen D'Amato – Kummissarju għat-tfal, biex il-Kunsill isib spazju fil-Kunsill, għall-ommijiet bi tfal żgħar biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb lit-tfal tagħhom b'kumdita' waqt li jkunu qed jagħmlu l-qadi tagħhom fil-viċinanzi tal-Kunsill.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lill-Kummissarju għat-tfal li fit-sit tal-Kunsill m'hemmx spazju adekwat għal dawn il-każi u jissuġġerixxi s-sit il-ġdid tal-uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali.

30.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba minn grupp ta' volontiera li ser jibdew jorganizzaw attivitajiet għat-tfal u ġenituri fejn jinvolvu l-annimali u l-ambjent. Huma qed jitolbu li jorganizzaw clean up activity fil-lokal u l-Kunsill jipprovdilhom skip, boroz tal-iskart u ingwanti.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu u jitlob ukoll lill-Cleansing Department biex jagħti s-sehem tiegħu.

30.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment li xi trakkijiet qed jiġu nnutati jħottu fil-miżbla ta' Wied Fulija. Hi għamlet rapport lill-Wasteserv u lill-Mepa fuq il-Każ.

Il-Kunsillier Claudio Zammit issuġġerixxa li l-Kunsill jistaqsi lill-Ministeru għall-ambjent jekk hemmx l-istess ħsieb li kien hemm f'leġislaturi preċedenti li l-miżbla tinbidel f'park rikreattiv għall-familja. Kien hemm qbil fuq dan.

***30.5 Drop in Centre (ser ikunu preżenti rappreżentanti mill-Ministeru tal-Familja)***

30.5.1 Is-Sindku stieden lir-rappreżentanti tal-grupp LEAP fi ħdan il-Ministeru tal-familja biex jiddiskuti l-proġett li għandhom. Hu faħħar l-inizjattiva ta' dan il-grupp li r-rappreżentanti tiegħu huma niex kwalifikati fil-psikoloġija u fis-servizzi tal-komunita'. Is-Sindku qal li dan il-grupp diġa qed jagħmel xogħol siewi fost il-familji Żrieraq, li hu simili għall-dak li kienet tagħmel is-Sinjorina Ursula Gauci fid-Drop in Centre f'Dar Mattia Preti.

Rappreżentanta mill-grupp LEAP spjegat il-bżonn li dan il-grupp għandu bżonn l-għajnuna tal-Kunsill, Arċipriet, tobba, kapijiet tal-iskejjel u NGOs biex ikun suċċess, minħabba li huma dawn l-entitajiet li jafu l-aħjar lill-komunita' taż-Żurrieq. Huma jitrattaw problemi diversi fil-familja u ma jitkellmux biss mal-persuna

vulnerabbli imma jitkellmu mal-familja kollha. Il-LEAP għandu bżonn sit fejn ikunu jistgħu jilqgħu lill-familji u dan il-post jissejjaħ 'daily resource centre'. Minnbarra dan il-post ser ikunu qed ifittxu post akbar fejn ikun jista jaqdi lis-soċjeta' tar-reġjun kollu li x'aktarx ser ikun f'Ħal Kirkop minħabba li għandhom posta bi spazju adekwat. Ir-rapprezentanta tal-grupp talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex imexxi l-kelma ta' dan il-grupp biex f'kull lokalita' jkun hemm ċentru.

Kien hemm qbil fuq dan il-proġett u l-Kunsill lest li jagħti l-għajnuna tiegħu anke billi joffri l-ispazju ta' Dar Mattia Preti li mhux diġa' qed jintuża għall-korsijiet.

Il-Kunsillier Claudio Zammit ħareġ mis-seduta (ħin 20:05)

***30.6*** **Impjegat/a ġdid/a fil-Kunsill Lokali**

30.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-ħames persuni li għamlu siegħat ta' prova/interview minn dawk li ġew short listed kienu dawn:
Robert Attard – għandu 12 'O' level certificates, kien jaħdem f'xogħlijiet ta' ufficċju u fil-prova li saritlu kien puntwali, u deher kunfidenti f'xogħlu u jaf imur tajjeb man-nies.
Ruth Sultana – għandha 10 'O' level certificates, ma dehritx familjari fejn jidħol użu ta' computer.
Joseph Cilia – għandu 8 'O' level certificates, u 3 intermediate certificates u degree – jaf imur man-nies u edukat.
Daniel Grixti – għandu 8 'O' level certificates u x-xogħol preċedenti tiegħu kienu waiter, kitchen helper u electrician.
Lindsay Aquilina – għandha 10 'O' levels u studjat għall-Art and Design mhux għall-skrivani.

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li jkun Robert Attard l-impjegat il-ġdid.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu s-suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv u jimpjiega lill- Robert Attard bi probation ta' sitt xhur.

***30.7*** ***Sejħa għall-offerti – PYF67/01/2014***

30.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-orħos offerent globali – Forestals Ltd aċċetta li jieħu xogħol ta' ġnien wieħed biss u l-kumplament tal-ġonna joħduhom kuntratturi oħra li kkwotaw orħos. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat b'dan lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex japprova u l-Kunsill ikun jista jipproċedi. It-tweġiba kienet li qed jitolbu linja gwida mill-Ministru tal-Gvern Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet hi stess linja gwida mingħand is-Sur Michael Cohen fejn approva dak li ssuġġerixxa l-Kunsill, għalkemm

informa li jista' jkun hemm xi kumpanija li toġġezzjona.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jipproċedi billi jagħti kuntratt lill-orħos offerenti għall-playing fields differenti, jiġifieri :
Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq – Forestals bil-prezz ta' €37,325.57
Ġnien il-Bennej – M-Quip bil-prezz ta' €42,921.94
Ġnien l-Emigranti Żrieraq – Projekte Global bil-prezz ta' €28,121.27
Ġnien Mario Schembri – M-Quip bil-prezz ta' €23,693.29

Kien hemm qbil li l-ewwel xogħol għandu jsir fuq l-aktar ġnien perikoluż – Ġnien it-tfal taż-Żurrieq.

***30.8*** ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi***

30.8.1 Il-Viċi Sindku Rita Grima qajmet dawn l-ilmenti li nnutat dan l-aħħar:

- bollards fi Triq il-Ħaddiema viċin Terminus Bar jinsabu kollha msadda.

Kien hemm qbil li ssir l-manutenzjoni meħtieġa

- Bżonn li jinżabru il-pjanti li hemm fir-roundabout ta' Vjal il-Blue Grotto u fis-central strip tal-viċin u minħabba li qed jostakolaw il-viżabilita' tas-sewwieqa
- Bżonn li jinżabbru ukoll l-pjanti tas-central strip ta' Triq Dun Ġużepp Zammit minħabba l-istess raġuni

Kien hemm qbil li jittieħdu passi meħtieġa.

- Fi Triq San Martin hemm ħajt tas-sejjieħ li qed jaqa'

Kien hemm qbil li minħabba li tali ħajt hu tal-privat, tinġibed l-attenzjoni tal-pulizija.

- Il-Primary Health Care ser jorganizzaw laqgħat għall-pubbliku biex tingħata informazzjoni fuq il-vaċin kontra l-influenza staġonali. Il-Viċi Sindku Rita Grima kkuntajat lill-Kap taċ-Ċentru għall-Anzjani fiż-Żurrieq u lest li joffri s-sala għal din il-laqgħa, nhar id-9 ta' Ottubru, 2014.

Kien hemm qbil li jiġi infurmat l-Arċipriet biex jagħmel avviż fuq l-artal.

30.8.2 Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li ser torganizza attivita' għall-anzjani fil-15 ta' Ottubru, wara li l-Kunsill irċieva avviż minn Heritage Malta li b'rabta mal-anniversarji politiċi ewlenin li ħabtu f'din is-sena, Heritage Malta qed torganizza wirja dwar il-35 miljun sena ta' Storja ta' Malta f'Mitt Oġġett fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta.
Stiednet lill-Kunsilliera jattendu ukoll.

Il-Kunsillier Rita Bellizzi infurmat li t-tilqima kontra l-influenza ser tingħata fit-18 ta' Novembru u min irid jista jinkiteb fl-uffiċċju tal-Kunsill.

30.8.3 Il-Kunsillier Rita Bellizzi ssuġġeriet li l-Kunsill jinsisti biex l-ex berġa tas-saħħa li tinsab bieb ma' bieb mal-għassa, jsirilha x-xogħol meħtieġ u tingħata lill-għassa għall-użu tal-pulizija.
Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsillier Bellizzi biex tagħmel laqgħat mal-Kummissarju, għaliex meta għamel tali laqgħat hu ma ġiex mismugħ.

30.8.4 Il-Kunsillier Raymond Grixti talab li jsir refresh tal-linji tat-traffiku li hawn fiż-Żurrieq fosthom iż-zebra crossings.
Is-Sindku qal li llum għadu kemm iddiskuta l-każijiet mas-Segretarju Eżekuttiv u ġie infurmat li għal din is-sena spiċċa l-budget fuq marki tat-toroq.

30.8.5 Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixxa li jsir ilqugħ mal-*bus shelter* li hemm f'Misraħ il-Karmelitani minħabba li l-istudenti u l-anzjani li jkunu qed jistkennu ġo fih xorta jintlaqtu mill-elementi naturali.
Kien hemm qbil fuq dan.

Il-Kunsillier David Abdilla nforma ukoll li ser jiġu spustajti ż-żewġ bankijiet li twaħlu fl-istess akwata u jiġu aktar viċini.
Kien hemm qbil fuq dan.

30.8.6 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li r-Reġjun Nofsinhar ser jorganizza attivita' sportiva fil-Victor Tedesco Ground nhar is-Sibt 27 ta' Settembru, bejn it-8.00 ta' filgħodu u 12:30. Għal din l-okkażjoni l-Kunsill ħeġġeġ liż-Żurrieq FC u l-ż-Żurrieq Wolves biex jipparteċipaw, imma kienu ż-Żurrieq Wolves biss li aċċettaw.
F'din l-okkażjoni l-Kunsill ser jingħata *defibrillator* li kif kien il-qbil tal-Kunsill tali apparat ser ikun installat fl-għassa taż-Żurrieq minħabba li hu l-uniku post fiż-Żurrieq li jiftaħ 24/7.

30.8.7 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ż-Żurrieq Wolves irringrazzjaw lill-Kunsill tal-kolaborazzjoni li kellhom mal-Kunsill fl-attivitajiet ta' skola sajf. Iż-Żurrieq Wolves talbu li l-ftehim li għandhom mal-Kunsill fuq dawn l-attivitajiet jiġi mġedded għal-tlett snin oħra.
Kien hemm qbil unanimu fuq dan u li l-Kunsillier Dino Bonnici għandu jagħmel laqgħa mal-għaqda u jiddiskuti magħhom il-bżonnijiet ta' Skola Sajf.

30.8.8 Il-Kunsillier Vincent Marmara qal li ġie avviċinat mill-Public Speaking Club, fejn infurmat li ser torganizza żewġ sezzjonijiet ta' taħriġ fl-iSky Parks, fil-binja tal-Microsoft, fil-bidu ta' Jannar. Huma nfurmaw lill-Kunsill li jixtiequ jagħmlu avviż fil-Kunsill News u kull minn juri l-karta tal-identita' miż-Żurrieq, jidħol għat-taħriġ bla ħlas.

Kien hemm qbil li fil-Kunsill News li jmiss jinġib avviż bla ħlas fuq dan ir-rigward.

Konfermati, illum ___ ta' Ottubru, 2014

30.8.9 Il-Kunsillier Vincent Marmara nforma li ġie avviċinat mis-Sinjura Doreen Muscat Quattromani fejn lesta li tagħti korsijiet ta' drama fiż-Żurrieq għall-prezz ta' €39 għal- 13 –il ġimgħa. Hi talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex isib sit adekwat.
Kien hemm qbil li l-Kunsill jipproponi s-sit tal-iScouts, minħabba li l-Kunsill m'għandux post adekwat.

30.8.10 Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia ssuġġerixxa li l-barriers li hemm f'Misraħ Mattia Preti k/m Triq il-Ħaddiema, fejn ser tkun installata l-funtana, jiġu mibdula għax m'għadhomx jiffunzjonaw.
Kien hemm qbil li jinġabru kwotazzjonijiet.

30.8.11 Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia reġgħa talab double yellow line fi Triq San Bartilmew faċċata tal-kappella, minħabba li bil-vetturi li jkun hemm ipparkjati, vetturi oħra qed isibuha diffiċli biex jgħaddu.
Is-Sindku ma qabilx għax qal li d-dar fejn qed jiġi ssuġġeriet ser titwaqqa u minħabba li hemm diżgwiet bejn il-familji.

Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia ġibed l-attenzjoni li l-istess argument sar sena ilu meta kien tella l-istess każ u sa issa d-dar imsemmija ma saritiliex alterazzjonijiet.

Kien hemm qbil li jittieħdu ritratti tal-każ u jitqassmu b'email ħalli l-Kunsilliera jkunu jistgħu jgħatu l-veduti tagħhom.

**30.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

30.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€24,558.96.**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia, mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Rita Bellizzi.

**30.10 Data tas-seduta li jmiss.**

30.11 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fid-9.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 29 ta' Ottubru, 2014, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**